MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 159/1999/1

Rikors Nru: 159/1999

Catherine sive Katie Mifsud
armla ta' Carmelo

vs

Charles u Rita konjugi Thorne

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Catherine sive Katie Mifsud, armla ta' Carmelo Mifsud, I. D. Nru. 279230(m) fejn tesponi bil- qima:-

1. Illi r- rikorrenti esponenti, armla ta' Carmelo, tikri lill- intimati konjugi Thorne (Rita Thorne tigi oht ir-rikorrenti) il- fond f' numru 22, gieli jkun indikat bhala 22A, fi Triq Santa Venera, gewwa l- Imsida, bil- kera ta' tletin lira Maltin (Lm 30) fis- sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-

quddiem, u cioe' kull nhar ta' 26 ta' Dicembru, u kull nhar ta' 26 ta' Gunju, li jithallsu bil- quddiem, u cioe' fl- ammont ta' hmistax il- lira Maltin (Lm 15) ghal kull skadenza.

2. Illi *nonostante* li l- iskadenza li jmiss hija dik li tigi fis- 26 ta' Dicmebru, 1999, l- intimat Charles Thorne wahdu ilu ghal dawn l- ahhar diversi skadenzi jiddepozita diversi ammonti ta' kera kull sitt (6) xhur peress illi tikkontindi illi hemm raguni legalment fondata biex il- kera odjerna ta' tletin lira Maltin (Lm 30) fis- sena tigi awmentata u ghal dan l- iskop qegheda titlob permess lil dana l- Bord.

3. Illi jekk il- Bord joghgbu jilqa' t- talba odjerna tar- rikorrenti ghall- awment fil- kera, dina ghanda tigi fis- sehh mis- 26 ta' Gunju tas- sena 2000, u dana fid- dawl ta' ARTIKOLU 14 subartikolu (1) tal- Kap. 69 tal- Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l- ahhar depositu illi sar gie pprezentat fil- Qorti tal- Magistrati (Malta) nhar it- 2 ta' Gunju 1999, Cedola Nmumrui 1046/99 fl- ismijiet "Charles Thorne vs Katie Mifsud" fejn ghar- ragunijiet ovvji l- okkju huwa legalment skorret.

TALBIET:-

5. Illi, ghaldaqstnat, ir- rikorrenti esponenti qegheda umilment titlob lil dana l- Bord odjern sabiex:

(i) Fl- ewwel lok a bazi ta' ARTIKOLU 23 sub – artikolu (1) il- fond 'de quo' f' numru 22, jew 22A( 22A), Triq Santa Venera, Msida – MSD 03, jigi ezaminat u rapport imhejji ghall- skopijiet ata' dan l- artikolu u sub – artikolu;

(ii) Fit- tieni lok jinghata l- permess mehiteg sabiex il- kera tkun tista' tigi awmentata a bazi tal- ARTIKOLU 24 sub – artikolu (1) tal- KAP 69, u dana peress li tletin lira Maltin (Lm 30) kera fis- sena li jithallsu kull sitt (6) xhur bil- quddiem fl- ammont ta' hmistax il- lira Maltin (Lm 15) kull darba huwa ammont inaccettabli u ma

jirrispekkja xejn il- kundizzjonijiet socjali u l- gholi tal- hajja li jiggvernaw is- socjeta' Maltija fi zminijietna;

(iii) Jekk il- Bord jilqa' t- talba ghall- awment, dan l- awment ghandu jsir effettiv mis- 26 ta' Gunju, tas- sna 2000 u jibqa' hekk effettiv ghal kull skadenza ta' wara, ossia fis- 26 ta' Dicembru tas- sena 2000 e via dicendo;

(iv) A bazi tal- istima imhejjija ghal- Bord skond ARTIKOLU 23, u li tkun konformi ma l- ghola ammont permess mil- Ligi fid- dawl ta' ARTIKOLU 4 sub – artikolu (1), paragrafu (b), b' mod illi l- kera tibqa' tigi mhallsa kull sitt (sitt) xhur bil- quddiem, f' zewg skadenzi li jikkonformu mad- dati odjerni li fihom l- intimati konjugi Thorne qed ihallsu jew jidepositaw l- ammonti ta' kera dovuti minnhom lir- rikorrenti esponenti;

(v) L- ammont fil- kera mitlub jirreferi ghal fond 'de quo', u cioe' numru tnejn u ghoxrin (22) [jew possibilment tnejn u ghoxrin A (22A)], Triq Santa Venera, Msida – MSD 03.

Ra r- risposta ta' Carles u Rita konjugi Thorne fejn jesponu b' rispett:-

1. Illi preliminarjament r- rikors promotur ippresentat mir- rikorrent mhuwiex konformi mar- rekwiziti li jitlob l- artikolu 24 (1) u l- Formola A fl- isked tal- Kap 69 tal- Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas- suespost it- talbiet tar- rikorrent ghandhom jigu michjuda u dan ghaliex fir- rikors taghha r- rikorrnent ma taghtiex indikazzjoni cara liema huwa l- fond.

3. Illi fit- tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li hemm mnizzel hawn fuq it- talbiet tar- rikorrent huma intempestivi u dan ghaliex hija qatt ma ghamlet xi talba lill- intimati sabiex jkun hemm awment fil- kera tal- fond inkwistjoni;

4. Illi inoltre u dejjem minghajr pregudizzju ghas- suepost t- talbiet tar- rikorrenti ghandu jigu michuda u dana ghaliex il- fon inkwistjoni kien gie mibni bil- Pilot's Scheme u l- kera kienet giet stabbilita tahd tina l- istess Skema u ghalekk ghandu jgawdi l- protezzjoni kontra pretnzjonijiet ghall- awment fil- kera;

Ra s- sentenza tieghu tat- 13 ta' Settembru 2000 li bih cahad l- ewwel eccezjoni ta' l- intimati.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra l- verbal tat- 2 ta' Frar 2004.

Ikkonsidra,

1. Illi mid- dokument a fol 87 jirrizulta li l- fond in kwistjoni inghata ghajnuna ghal- bini tat- tielet sular fis- 16 ta' Gunju 1959. Skema ghall- bini maghrufa ukoll bhala l- 'pilot scheme'.

2. Skond l- art 2 tal- Kap 116 'dar ta' proget' tfisser "dar gidida ta' propjeta' privata bil- hsieb li tkun mikrija separatament, li ghall- bini taghha il- Gvern ghamel donazzjoni taht progett ghall- bini ta' djar."

3. Skond l- artikolu 5(4)

'Qabel ma tinghata donazzjoni ghall- kiri ta' dar ta' progett jew waqt li tkun qigheda tinghata d- donazzjoni ghandu jsir ftehim permezz ta' att notarili bejn il- Ministru li f' dak iz- zmien ikun inkarigiat mill- Kummisjoni dwar il- Hsarat tal- Gwerra jew persuna ohra li minn zmien ghall- iehor tkun delegata minnu ghalhekk u min jircevi d- donazzjoni, billi jigi ffissat il- kera xieraq tad- dar ta' progett proposta'

4. Ghelekk il- Bord ma ghandu l- ebda kompetenza li 'jawmenta' il- kera ta' tali fond li hu iffissat mill- awtorita'. Il- kera jigi ffissat darba u hekk jibqa'.

Ghalekk il- Bord jiddikjara ruhu inkompetenti u jillibera lill-intimati mill- osservazzjoni tal- gudizzju; spejjez bla taxxa bejn il- partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------